## 17 ta' Frar, 1956,

## Imħallfin:

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Neg. Victor A. La Rosa *ne. versus* Neg. Carmelo Frendo *ne.*

### *Provi* — Dokumenti — Boll — Eċċezzjoni — Appell — Art. 17 tal-Kap. 68

*L-improduċibbilità f'ġudizzju ta' dokument li mhux bollat kif tirrikjedi l-Liġi tal-Boll hija biss temporanea u relattiva; jiġifieri illi d-dokument jibqa' biss improduċibbli sakemm tiġi mħallsa lir-Reġistratur it-taxxa li ma tkunx tħallset, flimkien ma' somma oħra ta' £2, apparti l-penali. Il-liġi hi ċara dwar daqshekk; u l-ġurisprudenza ma setgħetx tkun ħlief skond dik il-liġi ċara.*

*Imma, għalkemm id-dokument isir produċibbli meta jkun ġie regolarizzat, il-Qorti ma tistax tiddeċidi l-pont tal-valur probatorju tiegħu qabel dik ir-regolarizzazzjoni; għax kull deċiżjoni dwar dak il-valur probatorju ma tistax tingħata qabel ma jiġu soddisfatti r-rekwiżiti tal-liġi fiskali.*

*Jekk il-konvenut ikun eċċepixxa l-improduċibbilità ta' żewġ dokumenti u kkontesta l-valur probatorju tagħhom, u l-Qorti tiddeċidi l-pont tal-valur probatorju tagħhom it-tnejn meta t-trattazzjoni kienet ġiet limitata għal wieħed biss, imma din id-deċiżjoni tingħata wara li l-kawża tkun ġiet differita "għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni*

*preliminari", ma huz attendibbli appell minn dik id-deċiżjoni li jkun bażat unikament fuq il-motiv li l-Qorti ta' l-Ewwel Grad qatgħet il-punt tal-valur probatorju tagħhom meta dak il-punt ma ġiex diskuss għar-rigward tat-tnejn; għax meta l-kawża ġiet differita għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari, kien ċar li d-deċiżjoni kienet sejra tingħata fuq it-tnejn, u l-konvenut kien imissu ħa ħsieb jittratta anki fuq id-dokument l-ieħor; u għalhekk ma kien hemm ebda vjolazzjoni proċedurali mill-Ewwel Qorti, u l-appell, bħala bażata fuq motiv proċedurali biss, mhux attendibbli.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur nomine, wara li ppremetta illi huwa, bħala konċessjonarju tad-ditta "Svit National Corporation", suċċessuri tad-ditta "Bara Narodni Podnik" ta' Zlin, għall-użu f'Malta tal-marka "Bata", għandu dritt għall-użu f'Malta tat-trade mark "Bata", relattiva għal kalzaturi u prodotti li d-ditta "Bata Narodni Podnik" fuq riferita kienet tesporta u tinnegozja minn żmien twil fuq il-pjazza ta' Malta, fejn il-merċi tagħha huma konoxxuti taħt l-isem u l-marka "Bata"; u li l-konvenut nomine minn ftit żmien l-hawn qiegħed jimporta u jikkummerċja hawn Malta merċi ta' derivazzjoni oħra taħt l-isem u l-marka "Bata"; u li dan l-aġir huwa konkorrenza sleali u jinganna faċilment lill-kumpratur, li meta jrid jakkwista merċi tad-ditta "Bata" ta' Zlin isib li qiegħed jakkwista merċi diversa; talab li jiġi lill-konvenut inibit li jimporta u jinnegozja hawn Malta merċi taħt l-isem jew trade mark "Bata"; u l-istess konvenut jiġi kundannat jirtira mill-kummerċ il-merċi minnu mportata taħt l-isem jew marka fuq riferita; salva l-likwidazzjoni tad-danni kaġunati bil-bejgħ ta' simili merċi li ġieb minn barra u biegħ hawn Malta. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-24 ta' Frar 1954, kontra l-istess konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta: —

Illi l-attur ma pproduċa ebda dokument biex jipprova l-kwalità li fiha qiegħed jaġixxi u r-rapporti tiegħu mad-ditta "Svit National Corporation", kif lanqas ma pproduċa

ebda prova li d-ditta fuq riferita daħlet f'lok, jiġifieri ssuċċediet lid-ditta "Bata Narodni Podnik" ta' Zlin; u għalhekk huwa għandu jiġi liberat 'ab observantia'; bl-ispejjeż;

Illi, bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, huwa jinnega li d-ditta "Svit National Corporation" jew id-ditta "Bata Narodni Podnik" għandhom, jew qatt kellhom fiż-żmien utili, xi dritt jew interess fl-isem jew fit-trade mark "Bata" f'Malta; u barra minn hekk, huwa jinnega li d-ditta "Bata Narodni Podnik" biegħet f'Malta prodotti tagħha li huma magħrufa b'dan l-isem jew trade mark; u jekk qatt għamlet dan — li però huwa ma jammettix — dan kien fi żmien li prodotti simili provenjenti minn pajjiżi oħrajn kienu qegħedin jiġu legalment importati u spaċċjati f'Malta b'dan l-isem jew trade mark "Bata". Però, anki jekk wieħed kellu jammetti — dak li huwa, però, ma jammettix — li d-ditti msemmijin kellhom f'xi żmien dan id-dritt jew interess, kull ftehim li setgħu għamlu mal-attur nomine, bl-idea li jittrasferixxu favur tiegħu d-dritt li juża f'Malta l-isem jew trade mark "Bata", ma jkollux effett li jittrasferixxi jew jagħti lill-attur xi drittijiet jew interess fl-isem jew trade mark in kwistjoni; u għalhekk l-attur ma għandux dana d-dritt jew interess li hu jallega li għandu;

Illi huwa jammetti li mporta u għadu jimporta f'Malta, kif għandu d-dritt li jagħmel, oġġetti bl-isem jew trade mark "Bata" minn oriġini differenti, imma jinnega li l-kumpratur jista' jiġi ngannat; għaliex il-merkanzija li jimporta hija l-prodott tad-ditta "The Bata Shoe Factories Limited" ta' l-Olanda, u hija markata bil-kliem "Made in Holland", u hija offerta għall-bejgħ bħala tali;

Illi matul iż-żmien ta' din l-importazzjoni tal-attur nomine l-ebda waħda mid-ditti fuq imsemmija ma mportat f'Malta, jew biegħet f'Malta, żraben taħt l-isem jew trade mark "Bata"; salv li, wara li nbdiet il-kawża preżenti, l-attur nomine beda għall-ewwel darba jgħatti l-kelma "Cebo" li tinsab miktuba fuq il-kaxxi taż-żraben minnu mportati b'tikketta li għandha fuqha l-kelma "Bata";

Illi għaldaqstant huwa ma hux ħati ta' konkorrenza sleali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Ottubru, 1955, li biha ddikjarat ammissibbli bħala prova d-dokumenti *fuq riferiti; però,* riferibbilment għad-dokument fil-fol. 15 tal-proċess, dana ma jistax jiġi ammess ħlief jekk, fi tmien tijiem mill-jum tas-sentenza, l-attur iħallas lir-Reġistratur tal-Ewwel Qorti l-ammont tat-taxxa li għaliha l-istess dokument hu suġġett skond l-Ordinanza fuq indikata, flimkien mas-somma ta' £2; u kkundannat, *inoltre,* lill-attur iħallas is-somma ta' £1 għall-penali fuq riferita; wara li kkunsidrat;

Illi d-dokument fil-fol. 15, prodott mill-attur nomine biex jipprova r-rapporti tiegħu mad-ditta "Svit National Corporation", hija skrittura kontenenti dikjarazzjoni fis-sens li dik id-ditta ċedietlu d-drittijiet kollha tagħha relattivament għat-*trade mark* "Bata", li dik l-istess ditta, kif ingħad, kienet ilha tuża f'Malta mis-sena 1932. Dan id-dokument, flimkien ma' dak fil-fol. 35 tal-proċess, iżomm lok ta' skrittura privata ta' dik iċ-ċessjoni;

Illi, skond il-liġi, dikjarazzjoni simili u skrittura privata simili jistgħu jinġiebu bi prova. Fil-każ tad-dokument fol. 15 il-kitba ta' min għamel id-dikjarazzjoni tinsab verifikata bix-xhieda ta' persuna li ratha tikteb jew tiffirma dak id-dokument, kif trid il-liġi; u dan jirriżulta mill-firma fl-istess dokument ta' dik il-persuna — Dr. Hugo Forster Nutar Publiku. U l-firma ta' dik il-persuna ġiet awtentikata mil-Viċi Konslu Ngliż ta' Praga;

Illi mid-dokumenti fil-fol. 16 sal-fol. 20 tal-proċess jirriżulta illi d-ditta "Svit National Corporation" huma "the legitimate successors and assignees of the firm 'Bata Narodni Podnik' "; u dawn id-dokumenti, rilaxxjati minn dipartiment tal-Gvern taċ-Czecoslovacchia, huma awtentikati mil-Ministru tal-Affari Esteri u mil-Viċi Konslu Ngliż fi Praga; u kwindi huma skond il-liġi produċibbli;

Tikkunsidra, riferibbilment għad-dokument fil-fol. 15 tal-proċess;

Illi dan id-dokument, skond l-art. *9(1) tal-Ordinanza* dwar it-Taxxa tal Boll (Kap. 68), huwa suġġett għal dik it-taxxa minħabba l-użu tiegħu, u għandu jiġu mbullat qabel ma jsir dak l-użu minnu; u għandu jitqies li qiegħed isir użu minnu meta jinġieb — kif ġie miġjub — fil-Qorti mhux għal sempliċi riferenza jew informazzjoni. U skond l-art. 17(1) tal-istess Ordinanza, billi dak id-dokument hu suġġett *għall-boll minħabba* l-imsemmi użu tiegħu, u billi mhux regolarment bollat, ma jistax jiġi miġjub bi prova quddiem il-Qorti ħlief wara li jitħallas lir-Reġistratur tal-Qrati l-ammont tat-taxxa li ma tħallsetx ma' somma oħra ta' £2. U skond it-tieni paragrafu tal-istess *artikolu, dan il-*ħlas tat-taxxa li ma tħallsetx, u tas-somma l-oħra ta' £2, ma jeħlisx lill-attur, li skond il-liġi kellu jimbolla l-iskrittura, mill-penali li għaliha, skond l-art. 75 tal-istess Ordinanza, hu sar suġġett taħt l-istess Ordinanza, u li tiġi applikata "ex officio", jew fuq talba tal-Attorney- General, minn dina l-Qorti, billi quddiemha ġie miġjub dak l-att;

Rat fil-fol. 81 il-petizzjoni tal-*konvenut nomine*, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi dikjarat li d-dokument a fol. 15 tal-proċess ma għandux jiġi ritenut bħala prodott, u li kwindi l-attur ma pproduċa ebda dokument biex jipprova l-kwalità tiegħu ta' ċessjonarju tad-ditta "Svit"; u li fl-ipotesi ħażina ta' dina d-dikjarazzjoni, l-istess dokument ma hux ammissibbli bħala prova ta' dik il-kwalità tal-attur; fil-waqt li d-deċiżjoni dwar *l-ammissibbilità tad-dokument a fol. 16/20 hija* 'extra' jew 'ultra petita'; billi konsegwentement l-esponent nomine jiġi liberat "ab observantia", fis-sens tal-eċċezjoni minnu mogħtija, li tiġi hekk milqugħa; bl-*ispejjeż taż-żewġ* istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*L-appell jirrigwarda d-dokument fol. 15 u d-dokument* fol. 16/20;

Kwantu għad-dokument fol. 15;

Il-konvenut nomine qiegħed *jitlob* — prevja revoka tal-pronunċja appellata — (a) dikjarazzjoni li dak id-doku-

ment ma għandux jiġi ritenut bħala prodott; (b) konsegwentement li l-attur ma pproduċa ebda dokument biex jipprova l-kwalità tiegħu ta' ċessjonarju tad-ditta "Svit"; (c) li, subordinatament, dak id-dokument ma hux ammissibbli bħala prova ta' dik il-kwalità tal-attur;

Bid-dikjarazzjonijiet li l-konvenut nomine qiegħed jitlob fl-(a) u l-(b), hu qiegħed jippretendi l-improduċibbilità assoluta tad-dokument, għax mhux bollat;

Issa, kienet x'kienet il-pożizzjoni taħt il-liġi ta' qabel il-Kap. 68 (Ordinanza VII tal-1918), ċjoè taħt l-Order in-Council tas-26 ta' Settembru, 1901, li fl-art. 65 tat-Tielet Skeda kien donnu jistabbilixxi l-improduċibbilità assoluta ta' dokument mhux bollat, u kienet x'kienet, għalhekk, il-pożizzjoni taħt il-ġurisprudenza li kienet teżisti qabel l-1918, u meta kien għadu in vigore dak l-Order in-Council, hu ċert li l-art. 17 tal-Kap. 68 (qabel art. 15 tal-Ordinanza) hu indubbjament ċar, fis-sens li l-improduċibbilità hi biss temporanea u relattiva; ċjoè, id-dokument ma hux produċibbli qabel ma tiġi mħallsa lir-Reġistratur it-taxxa li ma tkunx tħallset, flimkien ma' somma oħra ta' £2, apparti l-penali;

Kif ingħad, il-lokuzzjoni tal-liġi hi ċara dwar daqshekk. U l-ġurisprudenza ma setgħetx tkun ħlief skond dik il-liġi ċara, kif jidher miż-żewġ sentenzi inediti, cjoè sentenza in parte mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-27 ta' Marzu 1920, fil-kawża "Pace vs. Francalanza", deċiża definittivament fil-15 ta' Diċembru 1921 (ara d-dokument "A" fol. 9 ta' dak il-proċess), u l-oħra "England vs. Attard Montalto", mogħtija mill-istess Qorti Ċivili (Prim'Awla) fis-17 ta' Lulju 1929, u l-kawża ġiet ċeduta fil-meritu fl-istess Prim'Awla fid-29 ta' Marzu, 1933 (ara Volum tal-Arkivju nru. 8 bis tal-1933);

Fl-ewwel waħda ntqal: — "Atteso che, come risulta dai termini suddetti (cioè dell'articolo 15 Ord. VII del 1918), il difetto dell'affissione del bollo non affetta la validità di ciò che in esso è contenuto; soltanto per scopi fiscali esso resta improducibile a farne risultare la prova; ma tale improducibilità non è nemmeno assoluta, e può

essere sanata col pagamento al Registratore della Corte dinanzi alle quale dovesse essere prodotto del valore del *bollo omesso e di una penale di due lire......*";

U fit-tieni ntqal hekk:— "La quale considerazione giova all'attrice in quanto che, essendo le disposizioni della detta Ordinanza VII dal 1918 di natura meramente fiscale ed intese a fini puramente fiscali, se ne deve la portata restringere nei limiti che tali fini esigono, e non estendere in guisa da renderla inopportunamente produttiva di effetti operanti in modo assoluto nelle relazioni fra i contendenti regolate dal diritto rituale giudiziario — *effetti per detti fini non necessari.........*" Il-konvenut f'din il-kawża, "England vs. Attard Montalto", kien ipppretenda, bħal konvenut odjern, l-improduċibbilità assoluta; iżda l-Qorti rrespinġiet dik il-pretensjoni;

Il-ġurisdizzjoni taljana, bażata fuq liġijiet simili, hi fl-istess sens — Ara Coen, Rep. voce "Tassa di Bollo", para. 393, 394 u 395;

Il-konvenut nomine, però għandu raġun jilmenta li l-Ewwel Qorti ma setgħetx taqta' l-pont tal-valur probatorju ta' dak id-dokument *fol. 15, kif għamlet fid-deċiżjoni* "de qua", qabel ma dan ġie regolarizzat; u ċertament dan ma setax jiġi regolarizzat qabel ma l-Ewwel Qorti tat l-Ordni li hemm, posterjorment, fis-sentenza. Del resto, jidher mill-fol. 74 li dan id-dokument ġie bollat wara s-sentenza, apparti jekk ġiex bollat adegwatament jew le, u apparti n-nuqqas ta' prova tal-ħlas ta' £2. Jekk ma jistax jiġi miġjub bi prova, skond il-liġi, qabel ma jiġi regolarizzat fuq l-ordni tal-Qorti, ma setgħetx il-Qorti tidħol fil-pont *tal-valur probatorju* tiegħu qabel din ir-regolarizzazzjoni;

Kwantu għad-dokumenti fol. 16/20;

Kif jidher mill-petizzjoni tal-konvenut nomine, tant mill-kjuża tagħha kemm ukoll mil-motivi dedotti taħt l-ittra (d) paġ. 84, hu qiegħed jibbaża l-appell tiegħu, dwar dawn id-dokumenti, unikament fuq il-motiv li l-Qorti qatgħet il-pont tal-valur probatorju tagħhom meta dak il-pont ma kienx ġie diskuss, u li għalhekk id-deċiżjoni

tagħha dwar dawn id-dokumenti hi "extra" jew "ultra petita". La darba l-motiv tal-appell dwar dawn id-dokumenti hu unikament dak indikat, li hu ta' indoli proċedurali, din il-Qorti ma tistax tidħol biex teżamina motivi oħra mhux addotti li jirrigwardaw il-meritu tal-valur probatorju ta' dawk id-dokumenti. Issa, il-konvenut nomine qiegħed jippretendi li l-eċċezzjoni tiegħu preliminari, fl-istadju talproċess quddiem l-Ewwel Qorti, kienet ġiet ristretta birrikors fol. 57 għad-dokument fol. 15 biss, u li għalhekk l-Ewwel Qorti kien imissha qatgħet dik l-eċċezzjoni riferibbilment għal dak id-dokument fol. 15 biss, u mhux anki għad-dokumenti l-oħra fol. 16/20;

Issa, hu veru, li, kif jidher mir-rikors fol. 57 u minn nota fol. 68, li l-konvenut nomine irraġuna dwar id-dokument fol. 15 biss. Imma hu wkoll veru li fil-verbal fol. 67 l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għad-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari; kif hu ukoll veru li din l-eċċezzjoni kienet tikkomprendi d-dokumenti kollha, għaliex kienet hekk konċepita:— "Illi l-attur ma pproduċa ebda dokument biex jipprova l-kwalità li fiha qiegħed jaġixxi u r-rapporti tiegħu mad-ditta "Svit National Corporation", kif lanqas ma pproduċa ebda prova li d-ditta msemmija hija s-suċċessur tad-ditta "Bata Narodni Podnik" ta' Zlin";

Issa, mentri d-dokument fol. 15 ġie eżibit biex jinkontra l-ewwel parti tal-eċċezzjoni, dawk fol. 16/20 ġew eżibiti biex jinkontraw it-tieni parti tal-istess eċċezzjoni;

Meta, kwindi, l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għad-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari, kif hemm espressament verbalizzat, kien ċar li d-deċiżjoni kienet sejra tingħata anki fuq id-dokumenti fol. 16/20; u l-konvenut nomine kien imissu ħa ħsieb jittratta anki dwarhom, oralment jew fin-nota fol. 68;

Għalhekk ma jista' bl-ebda mod jingħad li kien hemm dwar daqshekk xi vjolazzjoni proċedurali mill-Ewwel Qorti;

Kif ingħad, l-appell għar-rigward ta' dawn id-dokumenti fol. 16/20 hu limitat għal dan il-motiv proċedurali biss;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġie dikjarat ammissibbli (għal dak li hu valur probatorju) id-dokument fol. 15, billi kull deċiżjoni dwar dan il-valur probatorju ma setgħetx tingħata qabel ma ġew soddisfatti r-rekwiżiti tal-liġi fiskali, kif fuq ingħad;

Billi tiċħad l-appell tal-konvenut nomine kwantu għad-dokumenti fol. 16/20, bażat dan l-appell unikament fuq il-motiv proċedurali fuq imsemmi;

Kwantu għall-ispejjeż;

Peress li l-Ewwel Qorti naqset milli taqta' l-kap tal-ispejjeż, għalhekk dak il-kap ma hux devolut lil dina l-Qorti, li għandha taqta' biss l-ispejjeż tad-deċiżjoni tagħha. Dawn, stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru bin-nofs ;

Tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.